**Imqita**

Għajnejja ltaqgħu ma' tiegħek
Tberrqu dwalek imberrqa nirien,
Inxtelgħet qilla  qadima
Kif għeb għajn il-faraġ f'dagħbien.

Għaliex fl-aħjar tiegħek msejkna
Titkgħawweg bil-bosta fl-uġiegħ,
Biex issa tispiċċa mtajra
Bla sinsla, għajjiena fir-riħ.

T'arja mniggża, inkurlata
Tbajjadlek wiċċek tant sabiħ,
Ħallieha r-rabja taħrablek
Hekk f'qalbek fl-aħħar tistrieħ fih.

O żmien mgħallem b'ħafna sabar
Agħllimha t-triq tal-umiltà,
Ħalli jerġa' wiċċha jilbes
Il-libsa tas-sempliċita'.

Mela isma' u intelaq
Tibqax le aktar imqita,
Irridek bil-wisq ferħana
Mhux imfarrka mit-tisbita.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.